



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Diċembru 2019
(OR. en)

15242/19

Fajl Interistituzzjonali:
2010/0051(COD)

INST 379
JUR 718
AG 71

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 638 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI DWAR IL-ĦIDMA TAL-KUMITATI MATUL L-2018

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 638 final.

Mehmuż: COM(2019) 638 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.12.2019
COM(2019) 638 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI
DWAR IL-ĦIDMA TAL-KUMITATI MATUL L-2018

{SWD(2019) 441 final}

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

DWAR IL-ĦIDMA TAL-KUMITATI MATUL L-2018

F'konformità mal-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni¹ (ir-“Regolament tal-Komitoloġija”), il-Kummissjoni b'dan qed tippreżenta r-rapport annwali tagħha dwar il-ħidma tal-kumitati għall-2018.

Dan ir-rapport jagħti ħarsa ġenerali lejn l-iżviluppi fis-sistema tal-komitoloġija fl-2018 u fih sommarju tal-attivitajiet tal-kumitati. Huwa akkumpanjat minn dokument ta' ħidma tal-persunal bi statistika dettaljata dwar il-ħidma tal-kumitati individwali.

1. ĦARSA ĠENERALI LEJN L-IŻVILUPPI FIS-SISTEMA TAL-KOMITOLOĠIJA FL-2018

1.1. Żvilupp ġenerali

Kif deskritt fir-rapport annwali tal-2013², il-proċeduri tal-komitoloġija kollha previsti fid-Deċizzjoni l-“qadima” tal-Komitologija³, bl-eċċezzjoni tal-proċedura regolatorja bi skrutinju, kienu awtomatikament adattati għall-proċeduri l-ġodda tal-komitoloġija stipulati fir-Regolament tal-Komitoloġija.

Għalhekk fl-2018, il-kumitati tal-komitoloġija kienu qed joperaw skont il-proċeduri stabbiliti fir-Regolament tal-Komitoloġija, jiġifieri l-proċedura konsultattiva (l-Artikolu 4) u l-proċedura ta' eżami (l-Artikolu 5), kif ukoll skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju stipulata fl-Artikolu 5a tad-Deċizzjoni tal-Komitoloġija.

Il-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016⁴ ifakkar, fil-punt 27 tiegħu, fil-ħtieġa li tiġi allinjata l-proċedura regolatorja bi skrutinju:

“It-tliet istituzzjonijiet jirrikonoxxu l-ħtieġa għall-allinjament tal-leġislazzjoni kollha eżistenti mal-qafas legali introdott mit-Trattat ta' Lisbona, u b'mod partikolari l-ħtieġa li tingħata prijorità għolja lill-allinjament fil-pront tal-atti bażiċi kollha li għadhom jirreferu għall-proċedura regolatorja bi skrutinju. Il-Kummissjoni se tippromovi dan l-allinjament tal-aħħar sa tmiem l-2016.”

F'konformità ma' dan l-impenn, il-Kummissjoni adottat proposta għall-allinjament tal-atti bażiċi li jistipulaw il-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-atti delegati u ta' implimentazzjoni⁵. Hija adottat

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

² Rapport mill-Kummissjoni dwar il-ħidma tal-kumitati matul l-2013, COM(2014)572 final.

³ Id-Deċizzjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23), kif emendata bid-Deċizzjoni 2006/512/EC (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11) (Verżjoni kkonsolidata fil-ĠU C 255, 21.10.2006, p. 4).

⁴ Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016 (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

⁵ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta għadd ta' atti ġuridiċi li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (COM(2016)799).

ukoll it-tieni proposta, li tittratta b'mod speċifiku l-allinjament ta' atti bażiċi fil-qasam tal-gustizzja⁶. In-negożjati interistituzzjonali dwar l-ewwel fajl ġew konklużi parzjalment. Il-leġiżlatur qabel mal-allinjament ta' 64 mill-atti bażiċi kkonċernati⁷, filwaqt li n-negożjati dwar l-atti li jifdal u dwar l-atti fil-qasam tal-ġustizzja se jkomplu. Meta l-allinjament isir mill-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-atti delegati, il-kumitati rispettivi ma jibqax ikollhom rwol u l-atti delegati rispettivi fil-futur se jitħejjew bl-għajnuna ta' gruppi ta' esperti.

Il-Kummissjoni fis-26 ta' Frar 2016 adottat rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 182/2011⁸. F'dan ir-rapport, il-Kummissjoni kkonkludiet li, b'mod ġenerali, il-qafas legali għal komitoloġija qed jaħdem sew. Madankollu, dak iż-żmien indikat ukoll il-problema politika tal-eżiti tal-“ebda opinjoni”, speċjalment f'xi setturi sensittivi ħafna bħal dak tal-awtorizzazzjoni ta' organiżmi ġenetikament modifikati. Sussegwentement, fl-14 ta' Frar 2017 il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Komitoloġija (UE) Nru 182/2011⁹. Din il-proposta tipproponi għadd ta' bidliet speċifiċi għall-funzjonament tal-kumitat ta' appell, biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet fejn ma jkun hemm l-ebda opinjoni f'oqsma sensittivi. Dan il-fajl, madankollu, bħalissa jinsab imblukkat f'negożjati interistituzzjonali.

Ġew konklużi negożjati bejn it-tliet istituzzjonijiet dwar kriterji mhux vinkolanti għall-applikazzjoni tal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, għalhekk id-delineazzjoni bejn atti delegati u ta' implimentazzjoni. It-test finali tal-kriterji ta' delineazzjoni ġie ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali fit-3 ta' Lulju 2019¹⁰.

Fil-Komunikazzjoni tagħha “Regolamentazzjoni aħjar għal riżultati aħjar” ta' Mejju 2015, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tagħmel pubbliċi l-abbozzi ta' testi tal-atti delegati u l-abbozzi ta' atti ta' implimentazzjoni importanti se jkun disponibbli għall-pubbliku għal perjodu ta' feedback ta' erba' ġimgħat, u dan jippermetti lill-partijiet ikkonċernati biex iressqu l-kummenti. Fl-2018, 165 bħal dawn l-abbozzi tal-atti ġew ippubblikati għall-feedback mill-pubbliku fuq is-sit web tal-Kummissjoni “Semma' lehnex”¹¹.

1.2. Żvilupp tal-każistika

Fis-sentenza tagħha tat-13 ta' Diċembru 2018 fil-Kawżi Konġunti T- 339/16, T- 352/16 et T- 391/16, il-Qorti Ġenerali indirizzat il-kwistjoni tal-elementi essenzjali tal-att bażiku. Il-Qorti analizzat jekk il-limiti fuq il-valuri tal-emissjonijiet mill-karozzi kinux ikkunsidrati element essenzjali tal-att bażiku li l-Kummissjoni ma kellhiex is-setgħa li temenda, avolja dawk il-limiti ġew stabbiliti fl-anness tal-att bażiku. F'dan il-każ partikolari, il-Qorti Ġenerali eżaminat il-premessi u t-termini normattivi tal-att bażiku u sabet li l-limiti tal-emissjonijiet stabbiliti fl-anness tal-att bażiku kienu essenzjali, u “saħansitra l-element ċentrali tal-att”, minħabba li d-dispożizzjonijiet l-oħra kollha ta' dak l-att kellhom l-għan li jiżguraw ir-rispett ta' dawk il-limiti u ma kien hemm l-ebda dispożizzjoni espliċita li tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex temendahom.

⁶ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta għadd ta' atti ġuridiċi fil-qasam tal-Ġustizzja li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (COM(2016)798).

⁷ Ir-Regolament (UE) 2019/1243 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jadatta għadd ta' atti legali li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 241).

⁸ Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 182/2011, (COM(2016) 92).

⁹ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 182/2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (COM(2017) 085 final).

¹⁰ Ftehim Interistituzzjonali dwar Kriterji Mhux Vinkolanti għall-applikazzjoni tal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 223, 3.7.2019, p. 1).

¹¹ https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say_mt

2. HARSJA ĠENERALI LEJN L-ATTIVITAJIET

2.1. Numru ta' kumitati u laqgħat

Huwa importanti li ssir distinzjoni bejn il-kumitati tal-komitoloġija, fuq naħa, u l-entitajiet l-oħra, b'mod partikolari l-“gruppi tal-esperti” maħluqa mill-Kummissjoni stess, fuq in-naħa l-oħra. Dawn tal-aħħar jipprovdu għajjnuna esperta lill-Kummissjoni¹² fit-tnejn u fl-implimentazzjoni tal-politika, kif ukoll ta' atti delegati, filwaqt li l-kumitati tal-komitoloġija jgħinu lill-Kummissjoni fl-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni li ġew mogħtija lilha mill-atti ġuridiċi bażiċi. Dan ir-rapport jiffoka esklussivament fuq il-kumitati tal-komitoloġija. L-għadd ta' kumitati tal-komitoloġija attivi fil-perjodu bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2018 kien ikkalkulat skont is-settur tal-attività (ara t-Tabella I). L-ċifri għas-sena preċedenti (fil-31 ta' Diċembru 2017) qed jingħataw ukoll għal raġunijiet ta' tqabbil. It-taqsimiet u l-konfigurazzjonijiet ma jingħaddux separatament minħabba li dawn jappartjenu għal kumitat prinċipali.

TABELLA I — Għadd totali ta' kumitati

Settur ta' politika	2017	2018
AGRI (Agrikoltura u Żvilupp Rurali)	12	11
BUDG (Baġit)	2	2
CLIMA (Azzjoni Klimatika)	5	5
CNECT (Netwerks tal-Komunikazzjonijiet, Kontenut u Teknoloġija)	7	7
DEVCO (Kooperazzjoni Internazzjonali u Żvilupp)	5	5
DIGIT (Informatika)	1	1
EAC (Edukazzjoni u Kultura)	2	2
ECFIN (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji)	1	1
ECHO (Għajjnuna Umanitarja u Protezzjoni Ċivili)	2	2
EMPL (Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni)	5	5
ENER (Enerġija)	13	13
ENV (Ambjent)	30	30
ESTAT (Eurostat)	4	4
FISMA (Stabilità Finanzjarja, Servizzi Finanzjarji, u Unjoni tas-Swieq Kapitali)	8	8
FPI (Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija)	4	4
GROW (Suq Intern, Industrijia, Intraprenditorija u SMEs)	42	44
HOME (Migrazzjoni u Affarijiet Interni)	13	13
JUST (Ġustizzja u Konsumaturi)	23	25
MARE (Affarijiet Marittimi u Sajd)	3	3
MOVE (Mobilità u Trasport)	31	31
NEAR (Viċinat u Negożjati għat-Tkabbir)	3	3
OLAF (Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi)	1	1
REGIO (Politika Reġjonali u Urbana)	1	1
RTD (Riċerka u Innovazzjoni)	5	7
SANTE (Saħħa u Sikurezza Alimentari)	17	17
SG (Segretarjat Ġenerali)	3*	3*
TAXUD (Tassazzjoni u Unjoni Doganali)	11	13
TRADE (Kummerċ)	13	14
TOTAL:	267	275

* Inkluż il-kumitat ta' appell (għall-ħtiġijiet tar-reġistru tal-komitoloġija, il-kumitat ta' appell huwa rreġistrat bħala kumitat taħt ir-responsabbiltà tas-Segretarjat Ġenerali; *fil-prattika, huwa ġestit mis-servizzi kollha kkonċernati*).

Fl-2018, il-kumitati tal-komitoloġija setgħu ġeneralment jinqasmu skont it-tip ta' proċedura li kienu jaħdmu biha (proċedura konsultattiva, proċedura ta' eżami, proċedura regolatorja bi skrutinju — ara t-Tabella II). Ċerti kumitati li kienu japplikaw proċeduri multipli ġew separati minn kumitati li jaħdmu bi proċedura unika.

¹²

Għal aktar dettalji ara: <http://ec.europa.eu/transparency/regexpert/index.cfm>.

TABELLA II — L-għadd ta' kumitati skont il-proċedura

	Tip ta' proċedura				TOTAL:
	Konsultattiva	Eżami	Regolatorja bi skrutinju	Li jopera skont diversi proċeduri	
AGRI	0	6	0	5	11
BUDG	0	1	0	1	2
CLIMA	0	1	0	4	5
CNECT	0	3	0	4	7
DEVCO	0	2	0	3	5
DIGIT	0	0	0	1	1
EAC	0	1	0	1	2
ECFIN	0	0	0	1	1
ECHO	0	1	0	1	2
EMPL	0	0	0	5	5
ENER	3	5	2	3	13
ENV	0	9	5	16	30
ESTAT	0	2	0	2	4
FISMA	0	1	2	5	8
FPI	0	3	0	1	4
GROW	3	11	4	26	44
HOME	2	7	0	3	12
JUST	7	7	4	7	25
MARE	0	1	0	2	3
MOVE	3	8	4	16	31
NEAR	1	1	0	1	3
OLAF	0	1	0	0	1
REGIO	0	0	0	1	1
RTD	0	6	0	1	7
SANTE	0	7	0	10	17
SG	0	2	0	1	3*
TAXUD	1	10	0	2	13
TRADE	3	4	0	7	14
TOTAL:	23	100	21	130	274

* Inkluż il-kumitat ta' appell.

L-għadd ta' kumitati mhuwiex l-uniku indikatur tal-attività fil-livell tal-komitoloġija. *L-għadd ta' laqgħat* li saru, kif ukoll *l-għadd ta' proċeduri bil-miktub*¹³ użati fl-2018 ukoll jirriflettu l-intensità tax-xogħol b'mod ġenerali, kemm fil-livell settorjali kif ukoll fil-kumitati individwali (it-Tabella III).

¹³

Il-votazzjoni tal-kumitati tista' sseħħ f'laqgħa regolari tal-kumitat jew, f'każijiet debitament ġustifikati, permezz ta' proċedura bil-miktub, skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament tal-Komitoloġija.

TABELLA III — Għadd ta’ laqgħat u proċeduri bil-miktub

	Għadd ta’ kumitati	Laqgħat		Proċeduri bil-Miktub	
		2017	2018	2017	2018
AGRI		90	95	17	16
BUDG		4	4	0	1
CLIMA		7	5	2	6
CNECT		17	15	11	12
DEVCO		17	18	9	16
DIGIT		1	2	0	0
EAC		6	6	1	1
ECFIN		3	2	0	0
ECHO		4	4	3	4
EMPL		6	4	1	1
ENER		6	11	5	6
ENV		29	30	13	12
ESTAT		6	5	2	3
FISMA		10	3	18	16
FPI		2	6	0	3
GROW		70	64	34	16
HOME		28	39	29	22
JUST		10	10	5	7
MARE		4	4	10	11
MOVE		54	53	35	31
NEAR		8	9	19	7
OLAF		0	0	0	0
REGIO		1	2	2	0
RTD		57	53	246	218
SANTE		108	100	494	430
SG		8*	6*	1*	0
TAXUD		33	36	29	21
TRADE		27	29	38	24
TOTAL:		616	620	1 024	880

* laqgħat / proċedura bil-miktub tal-kumitat ta’ appell

2.2. Għadd ta’ opinjonijiet u atti / miżuri ta’ implimentazzjoni

Bħal dejjem, dan ir-rapport jagħti ċ-ċifri globali tal-*opinionijiet* formali mogħtija mill-kumitati u *l-atti / il-miżuri ta’ implimentazzjoni* sussegwenti adottati mill-Kummissjoni¹⁴. Dawn iċ-ċifri jikkwantifikaw l-“output” tanġibbli tal-kumitati (ara t-Tabella IV).

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom dritt ta’ skrutinju skont l-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Komitoloġija. Fl-2018, il-Parlament Ewropew adotta disa’ riżoluzzjonijiet fuq il-bażi tal-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Komitoloġija, filwaqt li l-Kunsill ma adotta l-ebda riżoluzzjoni ta’ dan it-tip.

¹⁴ Għandu jiġi nnutat li jista’ jkun hemm diskrepanzi bejn l-għadd ta’ opinjonijiet u l-għadd ta’ atti / miżuri ta’ implimentazzjoni fi kwalunkwe sena partikolari. Ir-raġunijiet għal dawn huma spjegati fl-introduzzjoni tad-dokument ta’ ħidma tal-persunal li jakkumpanja dan ir-rapport.

TABELLA IV — Għadd ta’ opinjonijiet u atti / miżuri ta’ implimentazzjoni adottati

	Opinjonijiet ¹⁵		Atti ta’ implimentazzjoni adottati		Proċedura regolatorja bi skrutinju - miżuri adottati	
	2017	2018	2017	2018	2017	2018
AGRI	142	146	137	145	0	5
BUDG	7	4	5	6	0	0
CLIMA	11	14	3	14	4	1
CNECT	19	19	18	15	0	0
DEVCO	53	67	54	66	0	0
DIGIT	1	1	1	1	0	0
EAC	5	6	4	6	0	0
ECFIN	3	2	3	2	0	0
ECHO	7	6	6	7	0	0
EMPL	7	4	5	5	1	0
ENER	8	7	7	4	0	0
ENV	31	31	16	14	18	11
ESTAT	9	9	4	8	6	3
FISMA	22	18	7	5	0	6
FPI	4	5	2	5	0	0
GROW	104	77	83	53	24	15
HOME	76	74	68	61	0	0
JUST	10	10	6	8	0	0
MARE	20	17	17	15	0	0
MOVE	59	61	50	57	4	11
NEAR	74	86	74	86	0	0
OLAF	0	0	0	0	0	0
REGIO	2	4	0	2	0	0
RTD	248	225	176	159	0	0
SANTE	803	629	753	603	56	38
SG*	16	12	17	11	0	0
TAXUD	79	56	85	57	0	0
TRADE	86	59	86	52	0	0
TOTAL:	1906	1633	1687	1456	113	90

* Inklużi l-opinjonijiet mogħtija mill-kumitat ta’ appell u l-atti adottati.

2.3. Laqgħat tal-kumitat ta’ appell

Il-kumitat ta’ appell iltaqa’ sitt darbiet matul l-2018, u ddiskuta 12-il abbozz ta’ atti ta’ implimentazzjoni (fl-oqsma tal-politika dwar is-saħħa u l-konsumatur) li kienu riferiti mill-Kummissjoni. Fit-12-il każ, il-kumitat tal-appell ma ħareġ l-ebda opinjoni. Fl-assenza ta’ opinjonijiet fl-2018, il-Kummissjoni ddeċidiet li tadotta 11-il att ta’ implimentazzjoni.

2.4. Użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju

Kif imsemmi fit-Taqsima 1, il-proċedura regolatorja bi skrutinju ma kinitx affettwata mir-riforma tal-komitoloġija tal-2011. Din il-proċedura ma tistax tibqa’ tintuża f’leġislazzjoni ġdida, imma għadha tidher f’diversi atti bażiċi eżistenti u se tibqa’ tapplika skont dawk l-atti sakemm jiġu allinjati. Fl-2018, ġew adottati 90 miżura skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju (ara t-Tabella V). Id-dritt tal-oppożizzjoni ntuża darba, mill-Parlament Ewropew. Meta jitqabbel mal-2017, id-dritt li wieħed jopponi intuża darba.

¹⁵ Vot li jirriżulta f’“ebda opinjoni” jingħadd mal-għadd totali tal-opinjonijiet.

TABELLA V — Għadd ta' miżuri adottati skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju

	Proċedura regolatorja bi skrutinju - miżuri adottati	Il-Parlament Ewropew oppona l-adozzjoni ta' abbozzi ta' miżuri	Il-Kunsill oppona l-adozzjoni ta' abbozzi ta' miżuri
AGRI	5	0	0
BUDG	0	0	0
CLIMA	1	0	0
CNECT	0	0	0
DEVCO	0	0	0
DIGIT	0	0	0
EAC	0	0	0
ECFIN	0	0	0
ECHO	0	0	0
EMPL	0	0	0
ENER	0	0	0
ENV	11	0	0
ESTAT	3	0	0
FISMA	6	0	0
FPI	0	0	0
GROW	15	0	0
HOME	0	0	0
JUST	0	0	0
MARE	0	0	0
MOVE	11	0	0
NEAR	0	0	0
OLAF	0	0	0
REGIO	0	0	0
RTD	0	0	0
SANTE	38	1	0
SG	0	0	0
TAXUD	0	0	0
TRADE	0	0	0
TOTAL:	90	1	0

3. TAGĦRIF DETTALJAT DWAR L-ATTIVITAJIET TAL-KUMITATI

Id-dokument ta' ħidma li jakkumpanja dan ir-rapport jipprovdi informazzjoni dettaljata dwar il-ħidma tal-kumitati individwali fl-2018, imqassma fuq il-bażi tad-dipartimenti kkonċernati differenti tal-Kummissjoni.

4. KONKLUŻJONI

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill huma mistiedna jieħdu nota ta' dan ir-Rapport.